MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru 109/2002

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Robert Michael Joseph Grixti

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Robert Michael Joseph Grixti ta' karta ta' identita' numru 110187(M) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta' Mejju 2001 u l-erba xhur ta' qabel gewwa z-Zurrieq u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-

pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-istess lok, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(c) ukoll talli biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

(d) ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkostanzi, volontarjament dewwem jew fixxkel, persuna jew persuni waqt l-esercizzju tas-setghat taghha jew taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 21(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post fi, jew gewwa centru u jew f'distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna illi l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u l-kontro-ordni.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-kawza gew mistqarra mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, liema xhieda kienet tikkonsisti fil-pulizija li investigaw il-kaz, filli fis-7 ta' Mejju 2001, in segwitu ghal osservazzjoni li giet allestita mal-fond minhabba suspett ta' traffikar u abbuz ta' droga, ossija l-appartament, fin-Nigret, Zurrieq, li fih kien jirrisjedi certu Joseph Camilleri, il-pulizija ghamlet irruzzjoni fil-fond fejn instabet kwantita' ta' raza suspettata cannabis kif ukoll pilloli suspettati ecstacy, u trab abjad suspettat kokaina; dawn l-ahhar zewg sustanzi li nstabu f'bitha sottoposta ghall-fond izda suspettata provenjenti minnu. Apparti l-persuna residenti fl-appartament kien hemm ukoll l-imputat u certu Robert Grixti. Huwa fatt, intuwibbli mic-cirkostanzi, illi l-investigazzjoni tal-pulizija ma kinitx tikkoncerna direttament lill-imputat, kif mistqarr ukoll mill-ufficjal prosekutur. M'hemmx dubbju pero' li l-imputat kien qieghed jabbuza mid-droga cannabis kif difatti ammetta fl-istqarrija tieghu li kkonfermha 'in toto' quddiem din il-Qorti. Lanqas din il-Qorti m'ghandha dubbju kif jidhru li huma c-cirkostanzi li l-imputat kien jiffrekwenta dan l-appartament sabiex jiehu l-cannabis. Fir-rigward hu abbastanza car li l-imputat kien jabbuza biss minn din id-droga li fuqha kellu certa dipendenza.

Issa huwa wisq car li mill-akkuzi dedotti kontra l-imputat hi biss l-akkuza tal-pussess tad-droga cannabis (precisament it-tieni akkuza), izda minghajr il-kwalifika li ma kinitx intenzjonata esklussivament ghall-uzu tieghu, li treggi, molto piu' in vista tal-emendi dwar 'sharing' introdotti recentement u li indubbjament jibbenefikaw lill-imputat ghal dik li hi piena. Mill-kumplament il-Qorti tghid kif isegwi: relattivament l-ewwel akkuza dina tista' treggi

biss minn cirkostanza wahda u unika li semma l-imputat fl-istqarrija tieghu; fir-rigward it-tielet akkuza m'hemm xejn mill-provi li jissostanzjaha in vista wkoll tal-emendi recenti; dwar ir-raba akkuza apparti li m'hemmx provi tikkontrasta mad-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101; relattivament l-ahhar akkuza din assolutament ma tirrisultax mill-provi.

Fl-ahharnett l-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 ma jidhirx li ghandu jigi applikat fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ghalhekk, tiddecidi, li ssib l-imputat hati biss tat-tieni akkuza minghajr il-kwalifika tal-pussess esklussiv, kif fuq intqal, u tal-ewwel fit-termini espressi aktar il-fuq. Rat l-ewwel skeda tal-Kap 101, r-regolament 8 tar-regoli tal-1939, l-Avviz Legali 292/1939, l-artikolu 8(a) u 252(b) tal-Kap 101 u tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------